# Festa ta' Marija Addolorata

Lejlet il-jum liturġiku li fih tiġi mfakkra Ommna Marija Addolorata, nhar il-Ħadd 14 ta' Settembru, dritt wara l-quddiesa tal-5.00pm noħorġu f'purċissjoni bl-ixbieha devota tagħha waqt li nitolbu r-Rużarju, nagħlqu bil-Barka Sagramentali u l-Quddiesa tas-7.00pm.



**Kunċert Reliġjuż b'Ommaġġ lil Don Gates**
**Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru fis-7.30pm fil-Bażilika**

Se jittella' kunċert tal-istrumenti tar-ram b'ommaġġ speċjali lil Don Gates, li kien jgħix fostna u b'tant ġenerożità u sempliċità ta kontribut sinifikanti fil-qasam kulturali, soċjali u mużikali tal-komunità tagħna tan-Nadur.



Il-kunċert se jinkludi esekuzzjonijiet mużikali mill-aqwa mill-epoki tar-Rinaxximent, tal-Barokk u l-Klassiku, b'mużiċisti internazzjonali flimkien ma' mużiċisti lokali, taħt it-tmexxija ta' Jason Camilleri.

**Ġabra għall-Palestinjani Nsara fl-istrixxa ta' Gaża**

Fid-Djoċesi tagħna, fil-quddies tal-Ħadd fit-13 u fl-14 ta' Settembru ser issir ġabra speċjali għall-komunità Nisranija tal-Palestina fl-istrixxa ta' Gaża. L-għajnuniet se jgħaddu direttament lill-Kardinal Patrijarka ta' Ġerusalemm Pierbattista Pizzaballa, li baqa' preżenti man-nies li ma baqgħalhom imkien fejn imorru qalb l-irmied u t-tfarrik li qed iħallu l-bombardamenti kontinwi.

**Avviżi:**

Nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru, fil-Knisja Bażilika se ssir **laqgħa oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard**. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u li fiha Mons. John Muscat (Ta' Sannat) ser ikellimna fuq il-konoxxenza ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6.15pm. Qed issir stedina speċjali għalikom ilkoll biex nattendu għal dawn il-laqgħat ta' spiritwalità ispirati minn wieħed kumpajżan tagħna stess. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

In-Nadur Teen & Youth Centre se jorganizza **freshers activity** nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru **lill-istudenti li din is-sena se jkunu Form 2 (Yr 8)**. Permezz ta' din l-attività ser ikunu jistgħu jaraw iċ-Ċentru u fejn isiru l-laqgħat. Imbagħad ser jaqsmu flimkien mument ta' ferħ permezz ta' xi logħob. L-attività tibda fis-6.00pm.

Nhar il-Ħamis 18 ta' Settembru l-Għaqda Dun Franġisk Grima se torganizza **ħarġa għar-Ramla** fejn se jkun hemm ħin ta' mistrieħ u lunch jew snack hemmhekk stess. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9.30am, lura fil-11.30am. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153 inkella lil Ġuża fuq 21552326 jew 99228906.

**Lotterija b'risq il-knisja:** Fil-bidu ta' Awwissu bdejna nbigħu l-biljetti tal-lotterija tal-kwadru kbir tal-fidda bl-ixbieha tal-istatwa devota tagħna ta' San Pietru u San Pawl. Min jixtieq jieħu sehem u jgħinna jista' jakkwista l-biljetti mingħand Maria Attard. Għad baqa' ftit biljetti... in-numru rebbieħ jittella' wara l-Quddiesa tas-5.00pm tas-Sibt 27 ta' Settembru.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am